IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2013
COM(2013) 342 final

2013/0181 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-forniment u l-kwalità tal-istatistika għall-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din l-inizjattiva taqbel mal-kuntest politiku li tittejjeb il-governanza ekonomika tal-Unjoni. Wara d-dħul fis-seħħ tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, is-semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u baġitarji u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-gvern, hemm bżonn li l-iżbilanċi makroeknomiċi jiġu identifikati, evitati u korretti.

Għal dan il-għan, ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 stabilixxa regoli ddettaljati għall-identifikazzjoni bikrija, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi li jinħolqu jew li jippersistu fiż-żona tal-euro u fl-UE (Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi jew MIP).

Il-MIP u t-tabella tagħha ta' valutazzjoni ta' indikaturi jeħtieġu monitoraġġ effiċjenti tal-kwalità statistika tal-indikaturi u tal-informazzjoni statistika sottostanti.

Il-Kunsilli ECOFIN tat-8 ta' Novembru 2011 u tat-13 ta' Novembru 2012 enfasizzaw l-importanza għall-kredibbiltà tal-MIP li jkollha statistika f'waqtha u tal-ogħla kwalità għall-inklużjoni fit-tabella ta' valutazzjoni u stiednu lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tieħu l-inizjattivi kollha neċessarji biex jiżguraw l-affidabbiltà tal-proċedura għall-kompilazzjoni ta' din l-istatistika kif ukoll it-titjib kontinwu tal-informazzjoni statistika sottostanti.

Għalhekk, hemm bżonn li tiġi żviluppata, għall-MIP, sistema b'saħħitha ta' monitoraġġ statistiku bbażata fuq ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan ir-Regolament se jkopri l-monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta; il-kompilazzjoni u t-trażmissjoni tad-dejta u tal-metadejta; u r-rappurtar/il-komunikazzjoni tad-dejta lid-diversi partijiet interessati u lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ir-Regolament se jagħti responsabbiltajiet ġodda lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar l-aspetti prinċipali li ġejjin: l-ivvalidar tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP fir-rigward tal-kriterji ta' kwalità li diġà jeżistu jew li se jkunu speċifikati aktar f'ċerti oqsma; l-istrutturar, il-ġbir u l-analiżi tas-sorsi u l-metodi użati mill-Istati Membri għall-kompilazzjoni tad-dejta; l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għal titjib. Hemm bżonn li x-xogħol fuq id-dejta rilevanti għall-MIP tkun appoġġata b'arranġamenti xierqa għall-pubblikazzjoni u t-tixrid fuq l-Internet, kif ukoll b'azzjonijiet ta' rilaxx.

L-implimentazzjoni tal-abbozz tar-Regolament bil-għan li tipprovdi statistika ta' kwalità għolja se teħtieġ il-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-istatistika li tkopri kemm it-tabella ta' valutazzjoni tad-dejta kif ukoll l-informazzjoni statistika sottostanti.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-Kunsill ECOFIN saħaq fuq il-bżonn li tiġi provduta statistika tal-ogħla kwalità għall-inklużjoni fit-tabella ta' valutazzjoni tal-MIP u li għal dan il-għan tiġi żviluppata proċedura affidabbli ta' monitoraġġ tal-kwalità.

Fil-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC) saru diskussjonijiet estensivi mal-Istati Membri dwar kwistjonijiet ta' kwalità u ta' komparabbiltà li huma relatati mad-dejta rilevanti għall-MIP. B'mod partikolari, ġew identifikati xi oqsma ta' titjib fir-Rapport tal-EPC għall-2012 dwar ir-rekwiżiti għall-istatistika strutturali.

Ġew stabbiliti xi kuntatti ma' Direttorati Ġenerali oħra, b'mod partikolari mad-DĠ għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

Saru diversi azzjonijiet ta' titjib relatati mal-informazzjoni statistika sottostanti f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

2.2. VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan ir-Regolament se teħtieġ l-aktar il-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-istatistika bil-għan li tittejjeb il-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP u tal-informazzjoni statistika sottostanti. Ma huwa previst l-ebda mekkaniżmu addizzjonali għall-ġbir tad-dejta.

Jekk ma tiġix adottata proċedura b'saħħitha u legalment vinkolanti ta' monitoraġġ tal-kwalità, ma jkunx possibbli li jiġu żgurati l-kwalità u l-komparabbiltà tad-dejta rilevanti għall-MIP, kif meħtieġ mill-politika tal-Kummissjoni. Konsegwentament, dan jista' jaffettwa l-kredibbiltà u l-effiċjenza tas-sistema tal-MIP.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Dan ir-Regolament jistabilixxi r-regoli li jirregolaw il-mod li bih tiġi provduta d-dejta statistika li hija rilevanti għall-iżbilanċi makroekonomiċi. Dawn ir-regoli huma relatati mal-kumpilazzjoni tal-indikatur, il-monitoraġġ tal-kwalità tagħhom u r-rilaxx tagħhom fit-tabella ta' valutazzjoni tal-proċedura li tikkonċerna l-iżbilanċi makroekonomiċi. L-objettiv prinċipali tar-Regolament huwa li tiġi żviluppata proċedura b'saħħitha ta' monitoraġġ tal-kwalità sabiex tiżgura l-ogħla kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP.

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi l-bażi legali għall-istatistika Ewropea. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva normali, jadottaw miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika, fejn ikun meħtieġ, dwar kif l-Unjoni twettaq l-attivitajiet tagħha. Dan l-Artikolu jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-istatistika Ewropea, filwaqt li jistqarr li l-istatistika għandha tikkonforma mal-istandards ta’ imparzjalità, affidabbiltà, oġġettività, indipendenza xjentifika, kosteffettività u kunfidenzjalità statistika.

Il-proposta tikkonforma kemm mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif ukoll ma' dak ta' proporzjonalità.

Dwar il-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-objettivi tal-proposta ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea u fl-istess waqt ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri.

Fin-nuqqas ta' qafas Ewropew ċar, jiġifieri leġiżlazzjoni Ewropea li tistabbilixxi proċedura komuni ta' monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP, l-Istati Membri ma jistgħux jiggarantixxu livell xieraq ta' kwalità.

L-objettivi tal-proposta jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' att fil-livell Ewropew, minħabba li l-Kummissjoni biss tista' tiżviluppa u tapplika proċedura armonizzata ta' monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Min-naħa l-oħra, l-implimentazzjoni tajba ta' din il-proċedura teħtieġ il-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet għall-istatistika tal-Istati Membri li tkopri kemm id-dejta rilevanti għall-MIP kif ukoll l-informazzjoni statistika sottostanti. L-Unjoni Ewropea tista’ għalhekk tieħu azzjoni għal dan il-għan, f’konformità mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat.

Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-Regolament huwa limitat għall-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak il-għan. Dan ma jispeċifika la l-mekkaniżmu ta' ġbir tad-dejta rilevanti għall-MIP għal kull Stat Membru u lanqas ma jirdoppja l-proċeduri eżistenti. Ir-Regolament sempliċement jistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ tal-kwalità fir-rigward tal-kompilazzjoni, it-trażmissjoni u r-rilaxx ta' statistiki tat-tabella ta' valutazzjoni u dejta oħra rilevanti għall-MIP.

L-istrument legali propost huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Regolament huwa ppreferut għaliex jistipula l-istess liġi mal-Unjoni Ewropea kollha, u ma jħalli l-ebda possibbiltà għall-Istati Membri li japplikawha b'mod mhux komplut jew selettiv. Huwa direttament applikabbli, li jfisser li ma hemmx bżonn li jiġi traspost fil-liġi nazzjonali. L-użu ta’ regolament huwa f'konfromità ma' atti legali oħra Ewropej dwar l-istatistika li ġew adottati mill-1997.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Hemm bżonn ta' riżorsi addizzjonali, biex jiġu żgurati r-rekwiżiti ta' kwalità għolja tad-dejta rilevanti għall-MIP f'konformità mal-istandards tal-Kummissjoni kif ġew stabbiliti fil-Komunikazzjoni COM(2011) 211 finali 'Lejn immaniġġjar sod tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea'. Dan wassal għall-introduzzjoni ta' offerta tal-persunal ta' 21 post (12-il post intern u 9 postijiet esterni) biex ikopru r-responsabbiltajiet il-ġodda tal-Kummissjoni (Eurostat).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se jkollha bżonn l-għajnuna tal-esperti tal-Istati Membri fil-kuntest tal-missjonijiet tal-MIP imsemmija f'din il-proposta, u se taqsam l-ispejjeż relatati mal-Istati Membri. Din l-għajnuna tinkludi l-għarfien espert u l-esperjenza speċifiċi tal-esperti nazzjonali waqt missjonijiet li jitwettqu fi Stati Membri oħra, sabiex ikun hemm trasparenza totali tas-sistema. F'dan l-istadju, huwa diffiċli li wieħed jindika eżattament kif l-ispejjeż tal-Kummissjoni se jiġu ffinanzjati u li tingħata stima eżatta ta' dawn l-ispejjeż, b'mod partikolari minħabba li se jippruvaw jiġu stabbiliti s-sinerġiji kollha possibbli mal-missjonijiet tal-Eurostat f'oqsma relatati.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

L-att propost ma jikkonċernax iż-ŻEE.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-forniment u l-kwalità tal-istatistika għall-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[1] jistabbilixxi mekkaniżmu ta' twissija biex jiffaċilita l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi. Skont dan il-mekkaniżmu, il-Kummissjoni hija meħtieġa tħejji Rapport annwali dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR) li jinkludi valutazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' kwalità u tidentifika l-Istati Membri li tqis li jistgħu jiġu affettwati, jew ikunu fir-riskju li jiġu affettwati mill-iżbilanċi.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro[2] jistipula sistema ta' sanzjonijiet finanzjarji kontra l-Istati Membri fiż-żona tal-euro għall-korrezzjoni effettiva tal-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi.

(3) Id-dejta statistika affidabbli hija l-bażi għas-sorveljanza effettiva tal-iżbilanċi makroekonomiċi. Biex tiġi ggarantita statistika soda u indipendenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-indipendenza professjonali tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, li għandha tkun konsistenti mal-kodiċi ta' prattika tal-istatistika Ewropea kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea[3].

(4) L-AMR, li huwa bbażat fuq tabella ta' valutazzjoni b'sett ta' indikaturi li l-valuri tagħhom jitqabblu mal-limiti stabbiliti tagħhom, huwa strument inizjali ta' skrinjar li permezz tiegħu l-Kummissjoni tidentifika l-Istati Membri li tqis li l-iżviluppi jeħtieġu analiżi ddettaljata ulterjuri sabiex tiġi ddeterminata jekk jeżistux żbilanċi jew ir-riskju li dawn jitfaċċaw. L-AMR għandu jinkludi d-dejta rilevanti għall-MIP. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-katalizzaturi tal-iżviluppi osservati jiġu analizzati fil-fond fir-reviżjonijiet ddettaljati sussegwenti bil-għan li tiġi

[1] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25

[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8

[3] ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164

ddeterminata n-natura tal-iżbilanċi. It-tabella ta' valutazzjoni u l-limiti stabbiliti huma interpretati b'mod mekkaniku, iżda huma suġġetti għal qari ekonomiku. Meta twettaq reviżjonijiet iddettaljati, il-Kummissjoni teżamina firxa wiesgħa ta' varjabbli ekonomiċi u ta' informazzjoni addizzjonali, waqt li tieħu kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-pajjiż. Għal dawn ir-raġunijiet, id-dejta kollha li tista' tiġi użata għall-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi ma tistax tiġi elenkata bil-quddiem b'mod eżawrjenti, iżda trid tiġi ddefinita b'referenza għall-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-identifikazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi kif ukoll għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fl-Unjoni. Bl-implimentazzjoni tal-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi, il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jagħtu preferenza lill-istatistika li tiġi kkumpilata u trażmessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat). Statistika oħra, li ma tiġix ikkumpilata u trażmessa b'dan il-mod għandha tintuża biss meta l-istatistika ta' qabel ma tipprovdix l-informazzjoni meħtieġa, waqt li jittieħed kont tal-kwalità ta' dawn l-istatistiki l-oħra.

(5) Għandha tiġi stabbilita proċedura affidabbli għall-kumpilazzjoni, il-monitoraġġ u r-rilaxx tad-dejta rilevanti għall-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "dejta rilevanti għall-MIP") kif ukoll bħala titjib kontinwu tal-informazzjoni statistika sottostanti f'konformità mal-oqfsa ta' mmaniġġjar tal-kwalità tal-Kummissjoni għall-istatistika Ewropea[4]. Il-Grupp ta' Diretturi tal-Istatistika Makroekonomika (DMES), stabbilit mill-Kummissjoni, huwa l-grupp xieraq ta' esperti biex jipprovdi lill-Kummissjoni (Eurostat) bl-għajnuna meħtieġa għall-applikazzjoni ta' proċedura b'saħħitha ta' monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP.

(6) Huwa essenzjali li l-produzzjoni statistika neċessarja għall-prestazzjoni tal-attivitajiet tal-Unjoni tkun ibbażata biss fuq dejta affidabbli. Fil-produzzjoni ta' dejta rilevanti għall-MIP, li hija element essenzjali għall-identifikazzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi kif ukoll għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fl-Unjoni, id-dejta mhux affidabbli jista' jkollha impatt sinifikanti fuq l-interessi tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni tajba tal-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri addizzjonali biex isaħħu l-effettività tal-produzzjoni, tal-forniment u tal-monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP. Dawn il-miżuri għandhom isaħħu l-kredibbiltà tal-informzzjoni statistika sottostanti kif ukoll il-forniment u l-monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP. Sabiex tiġi evitata r-rappreżentanza ħażina, kemm b'mod intenzjonat jew b'negliġenza serja, tad-dejta rilevanti għall-MIP, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' sanzjonijiet, li jservi wkoll biex jiżgura d-diliġenza dovuta fil-produzzjoni tad-dejta rilevanti għall-MIP.

(7) Biex jiġu ssupplimentati r-regoli dwar il-kalkolu tal-multi fir-rigward tal-manipulazzjoni tal-istatistika kif ukoll ir-regoli dwar il-proċedura li għandha ssegwi l-Kummissjoni għall-investigazzjoni tat-tali azzjonijiet, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta’ kriterji ddettaljati għall-istabbiliment tal-ammont tal-multa u għat-twettiq tal-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta’ esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin, u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

[4] COM(2005) 217 finali u COM(2011) 211 finali.

(8) Għandhom jiġu stabbiliti kooperazzjoni mill-qrib u djalogu kontinwu bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-Istatistika sabiex jiżguraw il-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP rrappurtata mill-Istati Membri u l-informazzjoni statistika sottostanti.

(9) Għandha tiġi żgurata wkoll il-kooperazzjoni mill-qrib bejn is-Sistema Statistika Ewropea u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali fir-rigward tad-dejta rilevanti għall-MIP, f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, sabiex jitnaqqas il-piż tar-rappurtar, tiġi garantita l-koerenza, tittejjeb l-istatistika sottostanti u tiġi żgurata l-komparabbiltà.

(10) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni u għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[5].

(11) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tiġi stabbilita proċedura komuni affidabbli għall-forniment u l-monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP kif ukoll it-titjib kontinwu tal-informazzjoni statistika sottostanti ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb dan l-objettiv.

(12) Il-Eurostat, bħala l-awtorità statistika tal-Unjoni, għandha twettaq ħidmiet statistiċi devoluti lill-Kummissjoni taħt dan ir-Regolament. Dawn il-ħidmiet għandhom jitwettqu mill-Eurostat f'konformità mal-prinċipji statistiċi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/504/UE tas-17 ta' Settembru 2012 dwar il-Eurostat[6],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistipula r-regoli dwar il-forniment u l-monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta statistika li huma kumpilati u trażmessi għall-għan tal-proċeduri għall-identifikazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi kif ukoll il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fl-Unjoni, stabbiliti skont l-Artikoli 3 sa 11 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 (minn hawn 'il quddiem imsejħa dejta rilevanti għall-MIP).

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-dejta rilevanti għall-MIP ikkumpilata u trażmessa mill-Istati Membri, irrispettivament minn jekk il-Kunsill jew il-Kummissjoni jqisu li jeżisti żbilanċ jew jekk ġiex stabbilit żbilanċ eċċessiv mill-Kunsill skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-Istati Membri li għalihom il-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi ġiet sospiża f'konformità mal-Artikolu xxxx tar-Regolament xxxx (ir-referenza għar-Regolament "2-Pack" se ssir meta dan jiġi adottat).

5 ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13

6 ĠU L 251, 18.9.2012, p. 49-52.

KAPITOLU II

TRAŻMISSJONI TA' DEJTA LILL-KUMMISSJONI

Artikolu 2

1. Id-dejta rilevanti għall-MIP li trid tiġi trażmessa mill-Istati Membri għandha tkopri s-sena preċedenti (n-1) u d-disa' snin ta' qabel (n-2 sa n-10).

2. L-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-dejta rilevanti għall-MIP għandhom ikunu dawk stipulati skont l-atti bażiċi rilevanti jew għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni f'kalendarji speċifiċi billi jitqiesu l-bżonnijiet tal-Unjoni.

3. Kull sena, il-Kummissjoni għandha tindika lill-Istati Membri l-iskeda ta' żmien tar-Rapport annwali dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija stabbilita mill-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Skont din l-iskeda ta' żmien u l-iskadenzi u l-kalendarji msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha wkoll tiddeċiedi u tikkomunika lill-Istati Membri data ta' skadenza għat-trażmissjoni, min-naħa tagħhom, tad-dejta kollha rilevanti għall-MIP li tkun l-aktar aġġornata.

KAPITOLU III

RAPPORTI TA' KWALITÀ

Artikolu 3

1. Meta jittrażmettu d-dejta rilevanti għall-MIP imsemmija fl-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) l-informazzjoni li turi kif din id-dejta tiġi kkalkulata, inkluż kwalunkwe tibdil fis-sorsi u l-metodi, fil-forma ta' rapport ta' kwalità.

2. Il-kriterji ta' kwalità msemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandhom japplikaw għad-dejta li trid tiġi trażmessa.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-għan li jiddefinixxu l-modalitajiet, l-istruttura u l-perjodiċità tar-rapporti ta' kwalità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 4

F'każ ta' dubju dwar l-implimentazzjoni korretta tar-regoli li jirregolaw il-kompilazzjoni u t-trażmissjoni tad-dejta rilevanti għall-MIP, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu kjarifika mill-Kummissjoni (Eurostat). Il-Kummissjoni għandha minnufih teżamina l-kwistjoni u tikkomunika l-kjarifika tagħha lill-Istat Membru kkonċernat, lill-grupp ta' esperti dwar l-istatistika makroekonomika stabbilit mill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-pubbliku.

KAPITOLU IV

VALUTAZZJONI TAL-KWALITÀ

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta b'mod regolari l-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP. Il-valutazzjonijiet għandhom jiffukaw l-aktar fuq l-oqsma speċifikati fl-inventarji msemmija fl-Artikolu 6, fejn applikabbli, u r-rapporti ta' kwalità tal-Istati Membri. Il-valutazzjonijiet tal-kwalità għandhom isiru f'konformità mal-prinċipji statistiċi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-valutazzjonijiet tal-kwalità għandhom, kif xieraq, jagħmlu użu sħiħ mix-xogħol imwettaq u mir-riżultati miksuba, fil-kuntest tal-oqfsa eżistenti tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), fil-pront kemm jista' jkun, bid-dejta u l-informazzjoni mitluba għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-dejta, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità statistika tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

3. Kull sena, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta d-dejta tal-Istati Membri rilevanti għall-MIP, bl-għajnuna tal-grupp ta' esperti rilevanti dwar l-istatistika makroekonomika.

4. Din il-valutazzjoni għandha ssir f'konformità mal-kriterji ta' kwalità msemmija fl-Artikolu 3(2). Fil-valutazzjoni għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:

(a) id-dejta rilevanti għall-MIP trażmessa mill-Istati Membri;

(b) ir-rapporti ta' kwalità u l-inventarji msemmija fl-Artikolu 6;

(c) ir-rapporti dwar il-missjonijiet għal u d-diskussjonijiet mal-Istati Membri fir-rigward tad-dejta rilevanti għall-MIP.

KAPITOLU V

INVENTARJI TAS-SORSI U L-METODI UŻATI BIEX TIĠI KKUMPILATA D-DEJTA RILEVANTI GĦALL-MIP

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom jitrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat), deskrizzjoni kompleta u aġġornata tas-sorsi u l-metodi (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-inventarji') użati biex tiġi kkumpilata d-dejta tagħhom rilevanti għall-MIP

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-inventarji u jibgħatuhom lill-Kummissjoni (Eurostat) sa mhux aktar tard minn […][*disa' xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament- id-data eżatta għandha tiddaħħal mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet hekk kif jiġi ppubblikat*]. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-għan li jiddefinixxu l-istruttura u l-modalitajiet għall-aġġornament ta' dawn l-inventarji sa […][*sitt xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament- id-data eżatta għandha tiddaħħal mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet hekk kif jiġi ppubblikat*]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-inventarji tagħhom.

KAPITOLU VI

MISSJONIJIET FL-ISTATI MEMBRI

Artikolu 7

1. Meta l-Kummissjoni (Eurostat) tidentifika xi problema, b'mod partikolari fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-kwalità skont l-Artikolu 5, tista' tiddeċiedi li twettaq missjonijiet fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-għan ta' dawn il-missjonijiet għandu jkun li jinvestigaw fil-fond il-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP ikkonċernata. Il-missjonijiet għandhom jiffukaw fuq kwistjonijiet metodoloġiċi, is-sorsi u l-metodi deskritti fl-inventarji, id-dejta u l-proċessi statistiċi ta' appoġġ bil-għan li jivvalutaw il-konformità tagħhom mar-regoli tal-kontabilità u tal-istatistika rilevanti.

3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tirraporta lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/122/KEE[7] dwar is-sejbien ta' dawn il-missjonijiet, inklużi kwalunkwe kummenti dwar dan is-sejbien li jkunu saru mill-Istat Membru kkonċernat. Wara li jiġu trażmessi lill-

[7] ĠU L 63, 5.3.1974, p. 21

Kumitat tal-Politika Ekonomika, dawn ir-rapporti, flimkien mal-kummenti li jkunu saru mill-Istat Membru kkonċernat, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kunfidenzjalità statistika fir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni (Eurostat), jipprovdu l-għajnuna minn esperti dwar kwistjonijiet statistiċi relatati mal-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi, inklużi għat-tħejjija u t-twettiq tal-missjonijiet. Fil-qadi ta' dmirijiethom, dawn l-esperti għandhom jipprovdu għarfien espert indipendenti. Għandha ssir lista ta' dawk l-esperti sa (id-data trid tiġi ffissata) abbażi tal-proposti mibgħuta lill-Kummissjoni (Eurostat) mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli tad-dejta rilevanti għall-MIP.

5. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistipula r-regoli u l-proċeduri relatati mal-għażla tal-esperti, billi titqies distribuzzjoni xierqa ta' esperti fl-Istati Membri kollha u rotazzjoni xierqa ta' esperti bejn l-Istati Membri, l-arranġamenti ta' xogħolhom u d-dettalji finanzjarji. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha taqsam mal-Istati Membri l-ispiża totali mġarrba mill-Istati Membri għall-għajnuna mill-esperti nazzjonali tagħhom.

6. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tiżgura li l-uffiċjali u l-esperti li jipparteċipaw f'dawn il-missjonijiet jissodisfaw kull garanzija fir-rigward ta' kompetenza teknika, indipendenza professjonali u osservanza tal-kunfidenzjalità.

KAPITOLU VII

FORNIMENT TA' DEJTA MILL-KUMMISSJONI (EUROSTAT)

Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipprovdi d-dejta rilevanti għall-MIP użata għall-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi inkluża dik permezz ta' stqarrijiet tal-aħbarijiet u/jew permezz ta' mezzi oħra li tqis xierqa.

2. Il-Kummissjoni (Eurostat) ma għandiex iddewwem il-forniment tad-dejta tal-Istati Membri rilevanti għall-MIP, fejn Stat Membru ma jkunx trażmetta d-dejta tiegħu stess.

3. Il-Kummisjoni (Eurostat) tista' tesprimi riżerva dwar il-kwalità tad-dejta ta' Stat Membru rilevanti għall-MIP. Sa mhux aktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol qabel id-data ppjanata għall-pubblikazzjoni, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tikkomunika lill-Istat Membru kkonċernat u lill-President tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika r-riżerva li beħsiebha tesprimi u tagħmel pubblika. Jekk il-kwistjoni tiġi solvuta wara l-pubblikazzjoni tad-dejta u tar-riżerva, l-irtirar tar-riżerva għandu jsir b'mod pubbliku eżattament wara.

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) tista' temenda d-dejta trażmessa mill-Istati Membri u tipprovdi d-dejta emendata u ġustifikazzjoni għall-emenda fejn ikun hemm prova li d-data rrappurtata mill-Istati Membri mhijiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(2). Mhux aktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol qabel id-data ppjanata għall-pubblikazzjoni, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tikkomunika lill-Istat Membru kkonċernat u lill-President tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika d-dejta emendata u l-ġustifikazzjoni għall-emenda.

KAPITOLU VIII

SANZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-MANIPULAZZJONI TAL-ISTATISTIKA

Artikolu 9

1. Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jimponi multa fuq Stat Membru li intenzjonalment jew b'negliġenza serja jagħti rappreżentanza ħażina tad-dejta rilevanti għall-MIP.

2. Il-multa msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun effettiva, dissważiva u proporzjonata għan-natura, is-serjetà u t-tul tar-rappreżentanza ħażina. L-ammont tal-multa ma għandux jaqbeż iż-0.05 % tal-PDG tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-Kummissjoni tista' tagħmel l-investigazzjonijiet kollha neċessarji biex tistabbilixxi l-eżistenza tar-rappreżentanza ħażina msemmija fil-paragrafu 1. Din tista' tiddeċiedi li tibda investigazzjoni meta ssib li hemm indikazzjonijiet serji dwar l-eżistenza ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu tali rappreżentanza ħażina. Fl-investigazzjoni tar-rappreżentanza ħażina putattiva, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe kumment ippreżentat mill-Istat Membru kkonċernat. Sabiex twettaq il-ħidmiet tagħha, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru biex jipprovdi informazzjoni, u tista' twettaq spezzjonijiet fuq il-post u taċċessa l-informazzjoni statistika sottostanti u d-dokumenti relatati mad-dejta rilevanti għall-MIP. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jeħtieġ awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel għall-ispezzjonijiet fuq il-post, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-applikazzjonijiet neċessarji.

Meta tlesti l-investigazzjoni tagħha u qabel ma tippreżenta kwalunkwe proposta lill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat Membru kkonċernat l-opportunità li jsemma' leħnu fir-rigward tal-kwistjonijiet taħt investigazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tibbaża kull proposta tagħha lill-Kunsill fuq il-fatti biss li l-Istat Membru kkonċernat kellu l-opportunità li jikkummenta dwarhom.

Il-Kummissjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet għad-difiża tal-Istat Membru kkonċernat matul l-investigazzjonijiet.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 12 li jikkonċernaw:

(a) il-kriterji ddettaljati li jistabbilixxu l-ammont tal-multa msemmija fil-paragrafu 1;

(b) ir-regoli ddettaljati li jikkonċernaw il-proċedura għall-investigazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, il-miżuri assoċjati u r-rappurtar dwar l-investigazzjonijiet;

(c) ir-regoli ddettaljati tal-proċedura mmirati biex jiggarantixxu d-drittijiet għad-difiża, l-aċċess għall-fajl, ir-rappreżentanza legali, il-kunfidenzjalità u d-dispożizzjonijiet dwar l-iskeda u l-ġbir ta' multi msemmija fil-paragrafu 1.

5. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġuriżdizzjoni illimitata għar-reviżjoni tad-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kunsill jimponi multa taħt il-paragrafu 1. Hija tista' tannulla, tnaqqas jew iżżid il-multa hekk imposta.

KAPITOLU IX

NATURA U DISTRIBUZZJONI BAĠITARJA TAS-SANZJONIJIET

Artikolu 10

Is-sanzjonijiet imposti skont l-Artikolu 11 għandhom ikunu ta' natura amministrattiva.

Artikolu 11

Il-multi miġbura skont l-Artikolu 9 għandhom jikkostitwixxu dħul ieħor, kif imsemmi fl-Artikolu 311 tat-Trattat u għandhom jiġu assenjati għall-baġit tal-Unjoni.

KAPITOLU X

EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

Artikolu 12

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 9(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin li jibda xahar wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 9(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha twassal għat-tmiem tad-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma taffettwax il-validità tal-atti ddelegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 9(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

KAPITOLU XI

VOT FUQ IS-SANZJONIJIET

Artikolu 13

Għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, il-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr ma jqis il-vot tal-membru tal-Kunsill li jirrappreżenta lill-Istat Membru kkonċernat.

KAPITOLU XII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 14

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 15

F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-istituti nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri (in-NSI) għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni meħtieġa dwar id-dejta rilevanti għall-

MIP fil-livell nazzjonali. L-awtoritajiet nazzjonali l-oħra kollha għandhom jirrappurtaw lin-NSI għal dan il-għan. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta rilevanti għall-MIP kumpilata u trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) tiġi provduta skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-uffiċjali responsabbli għall-kumpilazzjoni u t-trażmissjoni tad-dejta rilevanti għall-MIP lill-Kummissjoni (Eurostat) ikunu affidabbli u jaġixxu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Artikolu 17

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) bil-għan li jiġi implimentat dan ir-Regolament.

Artikolu 18

1. Il-Kummissjoni għandha sal-14 ta' Diċembru 2014 u kull ħames snin wara, tirrevedi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbien tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Ir-reviżjoni, fost affarijiet oħra, għandha tevalwa:

(a) il-progress fl-iżgurar tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP;

(b) l-effettività ta' dan ir-Regolament u l-proċess ta' monitoraġġ applikat.

Fejn xieraq, ir-reviżjoni għandha tiġi akkumpanjata bi proposta għal emendi ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-forniment u l-kwalità tal-istatistika għall-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi

1.2. Qasam/oqsma tal-politika konċernata/i fl-istruttura ABM/ABB[8]

Statistika (3403 — Produzzjoni ta' informazzjoni statistika, 3480 — Appoġġ amministrattiv għall-Eurostat, 3481 Strateġija u koordinazzjoni ta' politika għall-Eurostat)

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☑ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' azzjoni ġdida

1.4. Objettivi

1.4.1. L-objettiv/i strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Governanza ekonomika msaħħa u integrata fl-UE bbażata fuq il-Pakkett ta' Sitta tal-2011

1.4.2. Objettiv/i speċifiku/ċi u l-attività/jiet ta' ABM/ABB ikkonċernata/i

Objettiv speċifiku Nru 1: Jipprovdi informazzjoni statistika biex jappoġġa l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni b'attenzjoni partikolari għall-Proċedura tal-Iżbilanċi Makroekonomiċi (MIP) u t-tabella tagħha ta' valutazzjoni tal-indikaturi bbażati fuq ir-Regolament 1176/2011, li jistabbilixxi r-regoli għall-identifikazzjoni bikrija, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi li jinħolqu jew li jippersistu fiż-żona tal-euro u fl-UE. Attività/jiet ABM/ABB ikkonċernata/i 3403- Produzzjoni ta' informazzjoni statistika

1.4.3 Ir-riżultat/i u l-impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi (MIP) u t-tabella tagħha ta' valutazzjoni tal-istatistika huma bbażati fuq ir-Regolament 1176/2011, li jistabbilixxi r-regoli għall-identifikazzjoni bikrija, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi li jinħolqu jew li jippersistu fiż-żona tal-euro u fl-UE. Biex il-MIP tkun effettiva, huwa neċessarju li jiġi żgurat il-monitoraġġ effiċjenti tal-istatistika tad-dejta rilevanti għall-MIP. Il-Kunsill enfasizza l-importanza għall-kredibbiltà tal-MIP li jkollha statistiki f'waqthom u tal-ogħla kwalità għall-inklużjoni fit-tabella ta' valutazzjoni u stieden lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tieħu l-inizjattivi kollha neċessarji biex jiżguraw proċedura affidabbli għall-kompilazzjoni ta' dawn l-istatistiki kif ukoll titjib kontinwu tal-informazzjoni statistika sottostanti. Għalhekk, il-Eurostat se jiżviluppa sistema b'saħħitha ta' monitoraġġ statistiku għall-MIP ibbażata fuq Regolament. Ir-riżultati għandhom jiżguraw bażi statistika soda għad-deċiżjonijiet relatati mal-MIP, fil-forma ta' indikaturi ta' kwalità għolja li jissodisfaw l-istandards ta' kwalità stabbiliti mill-Kummissjoni.

[8] ABM: Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar ibbażat fuq l-Attività.

1.4.4 L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Il-Eurostat se jivvaluta d-dejta tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni ma' grupp ta' esperti nazzjonali ta' livell għoli dwar l-istatistika makroekonomika, biex jiżgura li għal kull Stat Membru, in-nuqqasijiet individwati jiġu indirizzati b'mod xieraq u l-azzjonijiet ta' titjib identifikati jiġu implimentati. Kull sena, ir-riżultati ta' dan ix-xogħol se jiġu diskussi fil-Kumitat tal-Politika Ekonomika, u se jiġu ppreżentati fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Se jkun hemm ukoll rappurtar regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Ir-rekwiżit/i li jrid/u jintlaħaq/jintlaħqu fuq żmien qasir jew fit-tul

Il-Kunsill enfasizza l-bżonn li jiġu provduti statistiki tal-ogħla kwalità għall-inklużjoni fit-tabella ta' valutazzjoni tal-MIP u li għal dan il-għan tiġi żviluppata proċedura affidabbli ta' monitoraġġ tal-kwalità.

Fil-Kumitat tal-Politika Ekonomika saru diskussjonijiet estensivi mal-Istati Membri dwar kwistjonijiet ta' kwalità u ta' komparabbiltà li huma relatati mad-dejta rilevanti għall-MIP. B'mod partikolari, ġew identifikati xi oqsma ta' titjib fir-Rapport tal-EPC għall-2012 dwar ir-rekwiżiti għall-istatistiki strutturali. Jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas b'saħħtu tal-kwalità sabiex tiġi provduta assigurazzjoni ta' kwalità għal din id-dejta.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-involviment tal-UE huwa neċessarju biex tiġi żviluppata u implimentata proċedura armonizzata ta' monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP fil-livell Ewropew. Din se tieħu l-esperjenza u l-aħjar prattiki mill-Istati Membri kollha u se tiffaċilita l-qsim ta' dawn l-esperjenzi u l-prattiki.

1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat

Il-qafas ta' monitoraġġ tal-kwalità previst f'din il-Proposta se jiġi mfassal b'mod estensiv fuq proċeduri simili li ġew żviluppati u applikati għal ħafna snin mill-Eurostat fl-oqsma tal-istatistika għar-riżorsa proprja tal-UE u għall-proċedura tad-defiċit eċċessiv, rispettivament. F'dan ir-rigward, sar titjib sinifikanti ħafna f'dawn iż-żewġ oqsma.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra

Il-qafas speċifiku ta' monitoraġġ tal-kwalità previst f'din il-Proposta se jiġi introdott fl-oqsma rilevanti fejn ma teżisti l-ebda proċedura bħal din. Hemm bżonn ta' riżorsi addizzjonali għall-implimentazzjoni u ż-żamma ta' din is-sistema msaħħa ta' monitoraġġ tal-kwalità. Mingħajr dawn ir-riżorsi addizzjonali, ma jkunx possibbli li jinkiseb il-livell meħtieġ ta' kwalità. Fl-evalwazzjoni tar-riżorsi addizzjonali meħtieġa, naturalment, ittieħdet l-akbar attenzjoni biex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni, u s-sinerġiji kollha se jippruvaw jiġu stabbiliti b'mod sistematiku b'oqfsa eżistenti ta' kwalità li huma simili, eż. fiż-żoni ta' introjtu nazzjonali gross u fl-istatistika tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☑ Proposta/inizjattiva ta' tul ta' żmien illimitat

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst/i[9]

☑ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Kull sena, ir-riżultati ta' dan ix-xogħol se jiġu diskussi fil-Kumitat tal-Politika Ekonomika, u se jiġu preżentati fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Sal-14 ta' Diċembru 2014 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha wkoll tippubblika rapport għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar kif qiegħed jiġi applikat ir-Regolament.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat/i

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst/i

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifa l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

9 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni………………………...……….]	Diff./mhux diff. (10)	mill-pajjiżi tal-EFTA[11]	mill-pajjiżi kandidati[12]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1	29.010405 (Programm Statistiku tal-Unjoni mill-2008 sal-2012 — Nefqa għal ġestjoni amministrattiva)	Diff.	IVA	LE	LE	IVA/LE
1	29.010401 (Nefqa appoġġata għall-programm statistiku Ewropew)	Diff.	IVA	LE	LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura………………………………………..]	Diff./mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.SS.SS.SS]	Diff.	IVA	LE	LE	IVA/LE

10 Diff. AD = Approprjazzjonijiet differenzjati/AMD = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
11 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
12 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet 3 punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Numru	inkluživa fl-2013: L-intestatura 1A – Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi Mill-2014: L-intestatura 1 – Tkabbir Intelliġenti u Inkluživ (oħrajn...)

DĠ: ESTAT			2013	2014	2015	2016 u wara	… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operattivi										
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1)								
	Pagamenti	(2)								
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi[13]										
Numru tal-linja baġitarja	29.010405 29.010401	(3)	**0.210**	**0.210**	**0.210**	**0.210**				**0.840**
Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ ESTAT	Impenji	=1+1a +3	0.210	0. 210	0. 210	0. 210				**0.840**
	Pagamenti	=2+2a +3	0. 210	0. 210	0. 210	0. 210				**0. 840**

13 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ tal-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew ta' azzjonijiet (li qabel kienu intestaturi "BA"), ta' riċerka indiretta, ta' riċerka diretta

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)	0	0	0	0				**0**
	Pagamenti	(5)	0	0	0	0				**0**
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	**0.210**	**0. 210**	**0. 210**	**0. 210**				**0. 840**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1A u 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.210	0. 210	0. 210	0. 210				**0. 840**
	Pagamenti	=5+ 6	0. 210	0. 210	0. 210	0. 210				**0. 840**

Jekk mill-proposta / inizjattiva hija affettwata iżjed minn intestatura waħda :

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL ta' approprjazzjonijie6 taħt l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

miljuni ta' EUR (sa tliet 3 punti deċimali)

		2013	2014	2015	2016 u wara	… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: ESTAT									
• Riżorsi umani		2.016	2.016	2.016	2.016				**8.064**
• Nefqa amministrattiva oħra		0.221	0.221	0.221	0.221				**0.884**
TOTAL DĠ ESTAT	Approprjazzjonijiet	2.237	2.237	2.237	2.237				**8.948**

TOTAL approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	2.237	2.237	2.237	2.237				**8.948**

miljuni ta' EUR (sa tliet 3 punti deċimali)

		2013	2014	2015	2016 u wara	… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	2.447	2.447	2.447	2.447				**9.788**
	Pagamenti	2.447	2.447	2.447	2.447				**9.788**

3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

– ☑ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet 3 punti deċimali)

Indika l-objettiv u r-riżultati ⇩			Sena **N**		Sena **N+1**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTAL**	
	RIŻULTATI																	
	Tip ta' riżultat[14]	Spiża medja tar-riżultat	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru ta' riżultati	Spiża	Numru totali ta' riżultati	Spiża totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[15]…																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2…																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2																		
SPIŻA TOTALI																		

[14] Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[15] Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Objettiv/i speċifiku/ċi…"

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet 3 punti deċimali)

	2013	2014	2015	2016 u wara	… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	2.016	2.016	2.016	2.016				**8.064**
Nefqa amministrattiva oħra - Missjonijiet (29.01 02 11 01)	0.081	0.081	0.081	0.081				**0.324**
Nefqa amministrattiva oħra - Laqgħat u Konferenzi (29.01 02 11 02)	0.140	0.140	0.140	0.140				**0.560**
Nefqa amministrattiva oħra -Total	0.221	0.221	0.221	0.221				**0.884**
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	2.237	2.237	2.237	2.237				**8.948**
Barra l-INTESTATURA 5[16] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0.210	0.210	0.210	0.210				**0.840**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal ta' barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.210	0.210	0.210	0.210				**0.840**
TOTAL	**2.447**	**2.447**	**2.447**	**2.447**				**9.788**

16 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ tal-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew ta' azzjonijiet (li qabel kienu intestaturi "BA"), ta' riċerka indiretta, ta' riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

		2013	2014	2015	2016 u wara
• **Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)**					
29 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		12	12	12	12
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)					
10 01 05 01 (Riċerka diretta)					
• **Persunal estern (f'Unità ekwivalenti għal Full-Time: UEF)**[17]					
29 01 02 01 (AK, INT, ENS mill-"pakkett globali")		6	6	6	6
XX 01 02 02 (AK, INT, JED, AL u ENS fid-delegazzjonijiet)					
29 01 04 05 [18]	- fil-Kwartieri Ġenerali[19]	3			
	- fid-delegazzjonijiet				
29 01 04 01 [20]	- fil-Kwartieri Ġenerali[21]		3	3	3
	- fid-delegazzjonijiet				
XX 01 05 02 (AK, INT, ENS – Riċerka indiretta)					
10 01 05 02 (AK, INT, ENS - riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL		**21**	**21**	**21**	**21**

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-ħidmiet li jridu jitwettqu:

[17] AK= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenzija ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); AL= Aġent Lokali; ENS= Espert Nazzjonali Sekondat;

[18] Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern mill-approprjazzjonijiet operattivi (ex-linji "BA").

[19] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

[20] Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern mill-approprjazzjonijiet operattivi (ex-linji "BA").

[21] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Uffiċjali u aġenti temporanji	Il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi (MIP) u t-tabella tagħha ta' valutazzjoni tal-indikaturi huma bbażati fuq ir-Regolament 1176/2011, li jistabbilixxi r-regoli għall-identifikazzjoni bikrija, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi li jinħolqu jew li jippersistu fiż-żona tal-euro u fl-UE. Biex il-MIP tkun effettiva, huwa neċessarju li jiġi żgurat il-monitoraġġ effiċjenti tal-istatistika tad-dejta rilevanti għall-MIP. Il-Kunsilli tat-8 ta' Novembru 2011 u tat-13 ta' Novembru 2012 enfasizzaw dwar l-importanza għall-kredibbiltà tal-MIP li jkollha statistika f'waqtha u tal-ogħla kwalità għall-inklużjoni fit-tabella ta' valutazzjoni u stiednu lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tieħu l-inizjattivi kollha neċessarji biex jiżguraw proċedura affidabbli għall-kompilazzjoni ta' dawn l-istatistiki kif ukoll titjib kontinwu tal-informazzjoni statistika sottostanti. Għalhekk, il-Eurostat se jiżviluppa sistema b'saħħitha ta' monitoraġġ statistiku għall-MIP ibbażata fuq Regolament. Din se tkopri prinċipalment il-kompilazzjoni u t-trażmissjoni tad-dejta u l-metadejta mill-Istati Membri; il-monitoraġġ tal-kwalità tad-dejta mill-Eurostat; u r-rappurtar/il-komunikazzjoni lid-diversi partijiet interessati u lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-Regolament se jagħti responsabbiltajiet ġodda lill-Kummissjoni dwar l-aspetti prinċipali li ġejjin: l-ivvalidar tal-kwalità tad-dejta rilevanti għall-MIP fir-rigward tal-kriterji ta' kwalità li diġà jeżistu jew li se jkunu ddefiniti/speċifikati f'ċerti oqsma (eż. dejta dwar l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta, spiża nominali tal-unitajiet tax-xogħol, prezzijiet tad-djar deflatati, fluss ta' kreditu fis-settur privat u dejn fis-settur privat, qgħad u obbligazzjonijiet totali tas-settur finanzjarju) inklużi ż-żjarat regolari u aktar fil-fond fil-pajjiżi; l-istrutturar, il-ġbir u l-analiżi tas-sorsi u l-metodi użati mill-Istati Membri għall-kompilazzjoni tad-dejta; l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għal titjib; ir-rappurtar regolari lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika dwar ir-riżultati tal-eżerċizzju.
Persunal estern	Jappoġġa lill-uffiċjali u l-aġenti temporanji fit-twettiq tar-responsabbiltajiet imsemmija hawn fuq.

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

- ☑ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[22].

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

- ☑ Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għall-kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

[22] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżori proprji

☐ fuq id-dħul mixxellanju

miljuni ta' EUR (sa tliet 3 punti deċimali)

Intestatura tal-linja baġitarja:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena baġitarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[23]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	… daħħal il-kolonni li hemm bżonn biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għad-dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-linja(i) tan-nefqa tal-baġit milquta.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

23 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (imposti tad-dwana, dazji taz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, i.e. ammonti gross wara t-tnaqqis ta’ 25% għal spejjeż tal-ġbir.